**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta ta' nhar il-15 ta Marzu 2017.**

**Rikors Numru: 332/2013 CSH**

**Joseph D'Amato**

**Vs**

**David Gonzi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur upprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Ottubru 2013 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti, in linea ta' spejjez u drittijiet l-ammont ta' sitt elef u hmistax-il ewro u tmienja u sittin centezmi (€6,015.68) rapprezentanti xoghol li sar fil-fond "*Dalli Court*", Flat 2, Vjal it-Torri, Gudja.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax min notifika ta' dan l-avviz.

Rat ir-risposta ta' l-konvenut kif prezentata fl-atti nhar il-15 ta' Novembru 2013 fejn eccepixxa is-segwenti:-

1. "*Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandu iressaq rendikont ghax-xoghol imwettaq minnu fil-proprjeta ta' l-intimat.*

2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suecepit ix-xoghol imwettaq mir-rikorrenti kien inkomplut u dan peress illi l-intimat kellu jholl il-kuntratt ta' xoghol mghoti lir-rikorrenti minhabba tardivita u dewmien inutili, liema xoghol kellu ghalhekk jitlesta minn terzi bi spejjez ultejuri a dannu ta' l-istess intimat.*
3. *Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda in kwantu diversi xogholijiet imwetqa mill-istess rikorrenti ma sarux skont is-sengha u l-arti u dan kif ser jigi pruvat fil-mori ta'dawn il-proceduri.*
4. *Ilil fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suescepit it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda in kwantu l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv kemm f'dak li jirigwarda metragg kif ukoll f'dak li jirrigwarda r-rati applikabbli mill-istess rikorrenti ghax-xoghol imwettaq.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*"

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Novembru 2013 fejn innominat lil Perit Valerio Schembri sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u tar-risposta tal-konvenut stante li l-materja hija wahda ta' natura teknika.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 deher il-Perit Tekniku Valerio Schembri u pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala Dok VS. Minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta li l-Perit Tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*« Dwar it-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta' € 6015.68*

01 Jinghad illi l-pretensjoni attrici hija bbazata fuq l-elenku jew kont esebit Dok JDA 120201 quddiem l-esponent. Fic-cirkostanzi a bazi tal-provi in atti u anke tal-konstatazzjonijiet u kejl li sar fuq il-post l-esponent jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet fir-rigward tad-diversi partijiet ta' l-istess kont sabiex finalment jasal ghal stima tax-xogholijiet li ghamel l-attur u li l-Perit Tekniku jidhirlu li jimmerita hlas taghhom u l-ammont ta' hlas dovut ghalihom.

**02** Dwar **il-kisi bil-gibs tal-hitan u s-soqfa** jinghad illi l-ammont ta' kejl u hlas pretiz jidher illi jkopri l-appartament kollhu salv l-*open plan*. Mill-kejl li ha l-esponent *in situ* jirrizultalu illi l-metragg in kwistjoni ghandu jwassal ghall-figura ta' 200 m.k liema figura tinkludi l-kisi tal-hitan u s-soqfa tal-kmamar tas-sodda u l-kcina u parti mis-saqaf tal-open plan. Dwar ir-rata l-esponent mill-provi jasal jikkonkludi illi x-xoghol li sar minn D'Amato u siehbu Attard kien ghad jonqsu kisi ta' rfinitura u ghalhekk ihoss illi r-rata li biha jithallas l-istess xoghol ghandha tkun ta' € 4.50 l-metru kwadru ghal total ta' € 900.00. Dwar l-ispare bedroom jinghad illi din kienet lesta bil-finitura b'kollox inkluz iz-zebgha u ghaldaqstant l-esponent ihoss illi ghandu jzid is-somma ta' € 150.00 (fid-dawl li soqfa u

hitan hemm kejl ta' cirka 70 m.k) ghal **total finali ta' hlas ghal din l-*item* ta' € 1,050.00**

03 Dwar il-hitan tal-**open plan** jinghad illi l-ammont ta' kejl u hlas pretiz jidher illi jkopri biss il-hitan ta' l-*open plan.* Mill-kejl li ha l-esponent *in situ* jirrizultalu illi l-metragg in kwistjoni ghandu jwassal ghall-figura ta' 57.00 m.k liema figura tinkludi l-kisi tal-hitan ta' l-istess *open plan.* Dwar ir-rata l-esponent mill-provi jasal jikkonkludi illi x-xoghol li sar minn D'Amato u siehbu Attard kien ghad jonqsu kisi ta' rfinitura u ghalhekk ihoss illi r-rata li biha jithallas l-istess xoghol ghandha tkun ta' € 6.00 l-metru kwadru ghal **total ta' € 342.00** u dan peress illi x-xoghol sar bl-irwiegel.

04 Dwar it-tqeghid tal-**madum ta' l-art** l-esponent ihoss illi r-rata ta' € 9.30 il-metru hija wahda ragonevoli ghall-prezzijiet tas-suq taz-zmien meta sar ix-xoghol in dizamina pero ma jaqbilx li l-gonta ghandha titkejjel b'maduma shiha galadarba l-prezz huwa bil-metru kwadru u mhux bil-maduma mqeghdha. L-esponent mill-kejl li ha *in situ* jasal ghal metragg ta' 98.40 metri kwadri u ghaldaqstant il-

**hlas dovut ghal dan ix-xoghol ghandu jkun ta' € 915.12**.

`

05 Dwar it-tqeghid tal-**madum ta' l-art tal-galleriji** l-esponent ihoss illi r-rata ta' € 9.30 il-metru hija wahda ragonevoli ghall-prezzijiet tas-suq taz-zmien meta sar ix-xoghol in dizamina pero ma jaqbilx li l-gonta ghandha titkejjel b'maduma galadarba l-prezz huwa bil-metru kwadru u mhux bil-maduma mqeghdha. L-esponent mill-kejl li ha in situ jasal ghal metragg ta' 6.50 metri kwadri u ghaldaqstant il-**hlas dovut ghal dan ix-xoghol ghandu jkun ta' € 60.45**.

06 Dwar il-**liquid membrane** fil-galleriji l-esponent ihoss illi ghandu jaggusta t-talba ghall-hlas ghax-xoghol in kwistjoni inkluz il-materjal ghal **€ 150.00**

07 Dwar it-tqeghid ta' **l-iskirting** mill-kejl li ha *in situ* l-esponent jasal ghal total ta' 63.00 metri tul u jhoss li ghandu japplika r-rata ta' € 2.25 ghal total ta' **€ 141.75**

08 Dwar **it-tibjid** l-esponent mill-assjem tal-provi jirrizultalu illi dan sar u gie kkompletat biss fil-kamra tas-sodda tat-tifel ghal kejl total ta' cirka 70 metru kwadru. L-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi r-rata ta' € 2.32 il-metru kwadru li qed jitlob l-attur hija wahda ragonevoli u ghaldaqstant it-**total ghal din l-item ghandu jkun ta' € 162.40**

09 Dwar **il-kisi fil-kamra tal-banju** l-esponent jirrizultalu illi din fiha kejl ta' cirka 25 metru kwadru u huwa ta' l-umli opinjoni illi anke jekk intuzaw l-irwiegel ir-rata applikabbli ghandhu tkun ta' massimu ta' € 10.00 il-metru kwadru. Ghaldaqstant l-esponent ihoss illi l-**hlas dovut ghal din l-item ghandu jkun ta' € 250.00**

10 Dwar **il-kisi tal-hitan u tqeghid tal-madum fl-ensuite** l-esponent jirrizultalu illi din fiha kejl ta' cirka 10 metri kwadru u huwa ta' l-umli opinjoni illi anke jekk intuzaw l-irwiegel ir-rata applikabbli ghall-kisi ghandhu tkun ta' massimu ta' € 10.00 il-metru kwadru ghal figura totali ta' € 100.00. Fir-rigward tat-tqeghid tal-madum l-esponent ihoss illi r-rata tas-suq meta sar ix-xoghol kienet ta' €18.00

ghal total ta' € 180.00. Ghaldaqstant l-esponent ihoss illi l-**hlas total dovut ghal dan ix-xoghol ta' kisi tal-hitan u tqeghid tal-madum fl-ensuite ghandu jkun ta' € 280.00.**

11 **It-talba ghas-somma ta' € 95.00 bhala spejjes tal-kolla uzata hija wahda ragunata u ghandha tithallas ukoll.**

12 **It-talba ghas-somma ta' € 53.00 bhala spejjes taz-zebgha uzata hija wahda rragunata u ghandha tithallas ukoll.**

13 **It-talba ghas-somma ta' € 27.00 ghal xoghol tal-gulleys fil-galleriji hija wahda rragunata u ghandha tithallas ukoll.**

14 Dwar is-**sollijiet tat-twieqi u l-galleriji** mill-provi jirrizulta illi l-attur ghamel biss is-sollijiet tat-twieqi liema sollijiet ma jwasslux ghal total ta' kejl ta' cirka 8 metri kwadri. Jsegwi li dak li qed jitlob l-attur huwa rata ta' cirka ftit izjed minn € 40.00 il-metru kwadru u

ghaldaqstant **il-figura ta' € 330.00 ghax-xoghol tas-sollijiet tat-twieqi u l-galleriji inkluz il-provista ghandha tkun accettata.**

15 **<u>Mis-suespost l-esponent jasal ghal figura totali ta' xoghol li sar mill-attur fil-fond tal-konvenut fl-ammont ta' € 3,856.72</u>**

*<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut</u>*

16 Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut stqarr li r-rikorrenti ghandu jressaq rendikont ghax-xoghol imwettaq minnu fil-proprjeta' tieghu.

17 Jigi rrilevat illi Dok JDA 120201 huwa precizament dak li jissemma f'din l-ewwel eccezzjoni u cioe kont tax-xoghol li r-rikorrenti qed jallega li wettaq gewwa l-fond tal-intimat.

18 Mill-analizi li ghamel l-esponent tar-rendikont in kwistjoni ma jidhirx li l-istess rendikont JDA 120201 *se mai* ghal dak li

jirrigwarda kejl jinkludi xi divergenzi grossolani minn dak li jezisti *in situ.*

19 Dak li deherlu li kellu jemenda l-esponent fir-rigward tal-kejl kienet il-kwistjoni tal-gonot fil-madum ta' l-art (punt li diversi drabi johloq dikussjoni jew ahjar nuqqas ta' qbil fl-interpretazzjoni tal-kejl tieghu) u l-*iskirting*. Anke fir-rigward ta' l-*iskirting* dak li ddecieda l-esponent fis-suespost hija kwistjoni ta' kif jidhirlu l-Perit Tekniku li ghandu jitkejjel ix-xoghol u mhux li l-ammont ta' bicciet li tqeghdu mhux korrett.

20 Dwar meta rceva l-kont il-konvenut in kontro-ezami jixhed jghid : « *... **Il-kont gabu f'Jannar 2013** meta jien kont waqaftu f'Ottubru 2012. **Id-data ta' l-invoice kienet Novembru 2012**. Nghid li dan kien kont u mhux invoice fiskali ...* »

21 Meta wiehed jezamina Dok JDA 120201 ossia l-kont ipprezentat in atti mill-attur, jirrizultalu car u manifest li dan igib id-data tas-26 ta' Novembru 2012, ergo m'hemmx dubju fl-umli opinjoni ta' l-

esponent li dan il-kont kien f'idejn il-konvenut se mai hekk kif jghid l-istess Gonzi f'Jannar 2013.

22 **Fic-cirkostanzi l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ntavolata fid-19 ta' Novembru 2013, jirrizulta car u manifest illi r-rendikont tax-xoghol imwettaq mill-attur (Dok JDA 120201) kien ilu f'idejn il-konvenut Gonzi minn Jannar 2013.**

*Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut*

23 Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut jeccepixxi illi ix-xoghol imwettaq mir-rikorrenti kien inkomplut u dan peress illi l-intimat kellu jholl il-kuntratt ta' xoghol mghoti lir-rikorrenti minhabba tardivita' u dewmien inutli, liema xoghol kellhu ghalhekk jitlesta minn terzi bi spejjez ulterjuri a dannu tal-istess intimat.

24 L-attur in kontro-ezami ghalkemm jaghmel zball fis-sena li fiha ezegwixxa x-xoghol jikkonferma li x-xoghol bdieh fil-bidu ta' Frar

u kien ghadu jahdem fuq il-lant sa ma twaqqaf f'Settembru ta' l-istess sena li mill-atti jirrizulta li kienet l-2012. Minn naha tieghu l-konvenut jghid li waqqaf lill-attur f'Ottubru 2012.

25 L-esponent ezamina bir-reqqa l-elenku Dok JDA 120201 u x-xoghol li jissemma fih, ghamel il-konstatazzjonijiet tieghu fuq il-post u ha konjizzjoni tal-fatturi kollha li jirrizultawlu mill-provi u mill-atti. **Mill-assjem tal-provi kollha l-esponent jidhirlu illi <u>x-xoghol in kwistjoni bejn tnejn minn nies ma kellux jiehu izjed minn xahrejn u nofs jew massimu ta' tlett xhur ergo kellhu jitlesta se mai sa l-ahhar ta' April 2012.</u>**

26 Anke kieku wiehed ghall-grazzja ta' l-argument kellu jaghzel bhala veritiera l-allegazzjoni ta' l-attur li twaqqaf f'Settembru 2012, jibqa' xorta wahda l-fatt li x-xoghol kien messu tlesta ta' l-inqas erba' (4) xhur qabel.

27 Ma jirrizultax li kien hemm xi ntoppi jew diffikultajjiet teknici jew ohrajn, li mpedew lill-attur u siehbu milli jkomplu u jaghmlu

progress fl-ezekuzzjoni tax-xoghol. Ix-xoghol innifsu ma jidhirx li kien ikkumplikat b'tali mod li kellu jiehu d-doppju jew addiritura izjed milli kellu jiehu normalment.

28 L-attur D'Amato u siehbu Attard jghidu li ma komplewx bix-xoghol ghaliex marru fuq lant iehor biex idahhlu xi haga tal-flus peress li kienu qatt ma thallsu akkont minghand il-konvenut. Bir-rispett l-esponent ma jarax li din kellha tkun raguni ghaliex jitwal daqshekk ix-xoghol meta mill-provi ma jirrizultax li kien hemm se mai xi talba da parti ta' l-attur ghal hlas akkont.

29 Jekk se mai l-attur hass li kellhu jircevi xi hlas akkont, dan messu indikah b'mod car lill-konvenut, anke addirittura bil-miktub. Fil-kas ta' l-inadampjenza tal-konvenut it-twissija li l-attur kien ser ikun kostrett jabbanduna x-xoghol ghal xi perjodu jew iehor minhabba f'dan il-fatt kellu tkun cara wkoll. Bl-ebda mod ma tirrizulta in atti li xi talba ghall-hlas akkont anke b'mod informali saret u wisq inqas hemm xi forma ta' prova ta' twissija ta' abbandun a kawza ta' nuqqas ta' hlas.

30 **Fic-cirkostanzi l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi tenut kont d-dewmien bla bzonn li kienet qed tinkorri l-ezekuzzjoni tax-xoghol mill-attur, d-decizzjoni li l-konvenut iwaqqafu milli jkompli x-xoghol in kwistjoni kienet wahda ggustifikata.**

**31 Mill-provi jirrizulta wkoll li x-xoghol tkompla minn terz cioe certu Noel Farrugia, li tieghu gie pprezentat affidavit in atti.**

32 **Dwar l-allegazzjoni ta' spejjez ulterjuri l-esponent ihoss illi f'dak li l-esponent deherlu li kellhu jakkorda ghax xoghol gia mwettaq mill-attur, ha in konsiderazzjoni anke ta' dak li ma sarx jew li ma sarx fid-dettami specifici ta' l-arti u s-sengha. Ghalhekk l-ammont li l-konvenut hallas lil Noel Farrugia ma kienux spejjes ulterjuri pero hlas ta' xoghol li ma giex akkordat ghall-hlas lill-attur ghar-ragunijiet li nghataw fis-suespost.**

*Dwar it-tielet eccezzjoni*

33 Fit-tielet eccezzjoni tieghu il-konvenut jeccepixxi li diversi xoghlijiet imwettqa mil-istess rikorrenti ma sarux sew u skond is-sengha u l-arti .

34 Fir-rigward ta' din l-eccezzjoni l-esponent jaghmel distinzjoni cara bejn dak li huma difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol jew ahjar xoghol li ma sarx skond l-arti u s-sengha u xoghol mhux komplut.

**35** Ghal dak li jirrigwarda xoghol mhux komplut fil-kas in dizami tidhol *in ballo* l-kwistjoni tal-finitura tal-hitan tal-gibs liema finitura jidher illi in parti ma saritx. Din il-partitura l-esponent jidhol fiha meta janalizza l-assjem tal-provi u jakkorda l-hlas li jidhirlu li huwa dovut lill-attur ghax-xoghol esegwit fil-fond tal-konvenut. **Ergo jsewgi illi ghal dak li jirrigwarda xoghol mhux ezegwit fil-**

**kompletezza tieghu l-esponent ikkunsidrah fis-sezzjoni relattiva fis-suespost u akkorda l-hlas dovut lill-attur fid-dawl tad-deliberazzjonijiet tieghu fir-rigward.**

**36** Dwar ix-xoghol li l-konvenut jallega li ma sarx skond l-arti u s-sengha jirrizulta mill-analizi tad-depozizzjoni tal-konvenut illi l-lamentali tieghu jirrigwardaw **grouting** li allegatament sar hazin fl-en-suite u ilma hiereg mix-shower li tqeghdet mill-attur**.**

37 Dwar il-grouting l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi dak li kkonstata in situ ghandu jkun accettabbli bhala livell ta' xoghol.

38 Fir-rigward tax-*shower tray* li allegatament tqieghed hazin, fattur ikkonstatat u kkonfermat anke mill-esponent *in situ* l-pozizzjoni tal-partijiet hija wahda cara. L-attur jghid li x-shower tray provdut mill-konvenut ma kienx ta' qies tajjeb u l-konvenut jsostni li dak li pprovda kien skond ma talbu jixtri l-attur.

**39** Bir-rispett l-esponent ihoss li hawn si tratta minn nuqqas minn naha ta' l-attur. Jekk kien jaf li x-*shower tray* li pprovda l-konvenut ma kienx ta' qies tajjeb messu ma wahhlux mill-ewwel u mhux jpatti zball bi zball iehor. Fic-cirkostanzi l-esponent umilment ihoss li ghandu jattribwixxi d-difett fit-tqeghid tax-shower tray in kwistjoni lill-operat ta' l-attur.

40 Ghal kull bwon fini jinghad illi fis-suespost ma gie akkordat l-ebda hlas ghat-tqeghid tax-shower tray in kwistjoni u se mai mhux car l-anqas jekk hux qed jintalab hlas ghat-tqeghid tieghu fil-parti bit-titolu « unsweat » fuq Dok JDA 120201. Hawn l-esponent jhoss li ghandha ssir parentesi fis-sens illi qed jassumi illi l-kelma kwotata « unsweat » hija kwistjoni ta' nterpretazzjoni bil-kitba minn min hejja l-istess Dok JDA 120201, tal-fonetika tal-kelma « en-suite ».

41 Jinghad ukoll illi ma tezistix in atti xi forma ta' eccezzjoni jew se mai kontro-talba ghal rimedju jew risarciment ta' dannu soffert mill-konvenut fir-rigward u ghaldaqstant l-esponent f'dan l-istadju mhux ser jidhol fil-kwistjoni ta' x'ghandu jkun ir-rimedju jekk hemm u

x'ammont ta' risarciment ta' dannu jekk hemm huwa dovut a favur tal-konvenut.

*Dwar ir-raba' eccezzjoni*

42 Fir-raba' eccezzjoni tieghu, il-konvenut jghid li it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez in kwantu l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv kemm f'dak li jirrigwardja metragg kif ukoll f'dak li jirrigwardja r-rati applikati mill-istess rikorrent ghax-xoghol imwettaq.

43 Fir-rigward ta' din l-ecezzjoni l-esponent jaghmel referenza ghal dak li jispjega fid-dettall fil-parti ta' din ir-relazzjoni fejn jikkonsidra l-ammont ta' hlas li ghandu jigi akkordat ghax-xoghol li ghamel l-attur fil-fond tal-konvenut.

44 Fl-istess parti l-esponent ihoss illi dahal sew fil-kwistjoni kemm tal-metragg kif ukoll fil-kwistjoni tar-rati dovuti pero jhoss li meta qed

tigi kkonsidrata l-eccezzjoni prezenti wiehed ghandu jaghmel analizi kritika tad-divergenzi minn dak mitlub ghal dak akkordat.

45 Ergo l-esponent huwa tal-fehma illi wiehed ghandu jaghmel distinzjoni jekk dak li talab l-attur kienx specifikament intiz li jkun ezagerat bhala kejl u rata, jew inkella nterpretazzjoni « personali » ta' min esegwixxa x-xoghol ta' x'kien haqqu bhala hlas.

46 Ghal dak li jirrigwarda divergenzi fil-kejl l-esponent, kif diga esprima ruhu fis-suespost ihoss li kemm fil-kwistjoni tat-tqeghid tal-madum u anke dik ta' li hija kwistjoni ta' mod kif wiehed jinterpreta li ghandu jsir il-kejl. Ergo jsewgi illi l-fatt li l-esponent ma qabilx ma kif kejjel l-attur u akkorda mod iehor, ma jfisser bl-ebda mod li l-attur ittenta jiehu izjed minn dak dovut lilu. Ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-metragg tat-tibjid hija kwistjoni li l-attur deherlu li kellhu jithallas tal-passata li ta' sabiex jinkixfu d-difetti fil-kisja li skond hu kienet il-finitura u l-Perit Tekniku dehrlu li din kienet parti mix-xoghol tal-kisi. B'hekk id-divergenza fil-kejl.

47 Dwar ir-rati mitluba, ma jirrizultax li kien hemm xi divergenzi kbar salv fil-kisi tal-kmamar tal-banju. Hawn l-esponent bir-rispett ihoss illi l-attur talab hlas b'mod manifestament ezagerat ghax-xoghol li gie esegwit u b'hekk akkorda hlas ferm inqas minn dak li talab D'Amato.

48 Fi kwalunkwe kas jigi ghal kull bwon fini ribadit illi t-talba originali tal-attur hekk kif tirrizulta mit-talba tieghu u kkonfermata b'Dok JD 120201 kienet ta' € 6,015.68 u l-esponent akkorda l-ammont ta' € 3,856.72. Dan ifisser differenza ta' € 2158.96 jew 36% tal-ammont tat-talba attrici.

49 Ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez il-Perit Tekniku jghid li din ovvjament hija kwistjoni Legali li trid tigi deciza mill-Onorabbli Qorti. Madanakollu l-esponent ihoss li ghandu jirrimarka illi, in linea ma dak elenkat fis-suespost ma jara l-ebda attentat intenzjonat da parti tal-attur bl-iskop li jzid fil-kejl tax-xoghol li sar. Minn naha l-ohra u bir-rispett l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi l-attur ezagera fir-rati li talab ghax-xoghol li ghamel fil-kmamar tal-banju.

Rat ix-xhieda li ddeponew quddiem il-Perit Tekniku.

Rat li l-attur **Joseph D'Amato** xehed nhar it-13 ta Frar 2014 (fol. 66) u spjega li huwa ghamel xi xoghol fil-fond ta' l-intimat u dan kien xoghol ta' *finishes* fosthom kisi u tqeghid ta madum. Esebixxa Dok JDA 130201 li huwa elenku tax-xoghol ezegwit inkluz il-kwantitajiet, ir-rati u l-ammonti finali li skond hu huma dovuti. Huwa ghadda kopja ta' l-istess elenku lill-kontro-parti.

Spjega li dak li jidher fuq Dok JDA 130201 huwa xoghol li sar minnu u mbaghad hu kejjel l-istess xoghol esegwit u finalment hareg dan il-kont. Qal li x'hin waslu fil-final tax-xoghol, l-intimat qatt ma kien tah xi forma ta' hlas akkont u lanqas depozitu. Fic-cirkostanzi ma setax ikompli ghaddejjin bix-xoghol ghandu u marru post iehor biex ikunu jistghu idahhlu l-ghejxien taghhom.

Qal li l-kont esebit illum huwa tax-xoghol esegwit u qal li m'hemmx elenkat xoghol li ma sarx.

Fit-13 ta' Frar, 2014 xehed **Saviour Attard** li ddikjara li hu w l-attur kienu jahdmu bi shab. Qal li kien ippartecipa flimkien mal-attur fix-xoghol li sar fil-fond ta' l-intimat u kien hemm mill-bidu sa l-ahhar, ghalhekk jaf fuq il-problema li kien hemm mal-intimat.

Kompla li kienu marru biex ikomplu u sabu lil terzi jahdmu fuq ix-xoghol mibdi minnhom. Qal li dwar hlas kien jiehu hsieb l-attur Joseph D'Amato u hu li jaf fir-rigward ta' pagament o meno huwa minn dak li qallu l-attur.

Gie muri Dok JDA 130201 u qal li dan id-dokument kien urihulu w spjegahulu l-attur, pero' zied li dak hemm elenkat huwa xoghol li fil-veru fatt sar.

Ikkonferma li l-kejl sar minnu u mill-attur flimkien pero' kien l-attur li hejja l-prospett esebit.

Illi nhar l-25 ta' Marzu 2014 **Saviour Attard xehed in kontro esami** (fol. 74) fejn ikkonferma li jahdem bi shab mal-attur fuq xoghlijiet partikolari fil-fatt ghamlu xi zmien jahdmu flimkien u din il-bicca xoghol mertu tal-kawza kienu ghamluha propju f'dak iz-zmien, wara li kien gie avvicinat minn D'Amato. Illum pero' ma ghadux jahdem bi shab ma l-attur. Ikkonferma li hu cert li hadem fuq l-*items* kollha li jissemmew fil-prospett.

Spjega li huma kienu jahdmu fil-fond tal-konvenut u mbaghad kienu jmorru lant iehor biex ikunu jistghu idahhlu xi haga tal-flus. Ix-xhud sostna li huma ma kinux telqu minn fuq il-lant finalment, imma marru biex ikomplu jahdmu u sabu nies ohrajn jahdmu flokhom. Sabu wiehed tal-madum jaghmel il-kmamar tal-banju li suppost kellhom jaghmluhom huma. Imbaghad ma komplewx jahdmu hemm. Qal li dawn biss kien fadal barra xi finishing. Qal li tas-suffit kien diga' qed jahdem fuq il-post. Rega' qal li kien fadal isir il-madum tal-kmamar tal-banju u passati ta' zebgha biex jaraw x'difetti hemm, u xi *skirting* fil-gallarija. Mit-tibjid huma kienu lestew kamra wahda, izda kienu taw passata kullimkien. Il-kmamar kollha kienu nksew bil-gibs, salv wahda, fejn is-saqaf kien gej bis-suffit. Ma setax jiftakarx kienux hallew xi kamra mhux *grouted*, u dan b'referenza ghall-ensuite. Pero' ftakar li sar il-*grouting* ta' kullimkien.

Qal li t-twahhil ta' *sink* u *toilet* ma sarx minnha. Iddikjara li qatt ma sema' lmenti minghand il-konvenut. Qal li tassew li l-konvenut kien jghidilhom biex imorru jkomplu, pero' galadarba ma kienux qed jithallsu ma setghux imorru jkomplu. Ikkummenta li x-*shower basin* il-konvenut kien gabu xi 2cm ikbar milli kien hemm bzonn u fil-fatt dahhluh fil-hajt. Qabel wahhlu l-madum ksew il-kamra tal-banju bir-ramel u s-siment. Qal li x-shower kien daqs il-hajt

minghajr il-madum u xorta ma kienx se jidhol. Qal li x-shower basin ma kejjlux qabel.

Ikkonfrontat bil-versjoni li anke jekk tghodd il-gonot bhala wahda, il-kejl tal-madum taghhom huwa izjed minn dak li hemm in situ, wiegeb li dan mhux minnu. Inoltre kkonferma li fuq il-flus kien involut l-attur u mhux hu. Qal li mal-konvenut qatt ma mpona kundizzjonijiet fuq hlas.

Qal li darba minnhom l-attur kien ma jiflahx u sadanittant huwa kompla jpoggi l-madum, pero' mbaghad l-attur kien argumenta mieghu ghaliex qallu li seta' jmur ikompli fuq lant iehor u l-madum kien ikomplieh hu. Ippreciza li r-rimarki ta' l-attur kienu fis-sens li hu seta' jmur ikompli x-xoghol ghand terzi fis-sular sovrasanti, liema xoghol seta' jaghmlu wahdu, filwaqt li fix-xoghol tal-madum ma setax itella' l-istess ammont ta' xoghol daqs kemm kieku kienu tnejn min-nies f'daqqa.

Sostna li Gonzi qatt ma lmenta mieghu dwar ix-xoghol u lanqas qatt ma sema' lmenti fuq ix-xoghol *per se* mal-attur, izda dan kien jghidilhom biex ikomplu ghaddejjin. Ilmenti fuq il-kisi ma kienx hemm u l-*finishing* kien ghadu ma sarx. Qal li tas-suffit seta' lmenta, u qal li kienu taw iz-zebgha pero' ma kienitx *finished*. Kienet ghadha l-ewwel passata. Ix-xhud jaqbel li l-kont jinkludi l-kisi u zebgha pero' spjega ma fihx kollox fir-rigward taz-zebgha ghaliex ma kienux taw il-passati kollha. Il-kamra tas-sodda kienet zewg passati u l-kumplament passata wahda.

Illi nhar l-20 ta Frar 2014 xehed l-**attur in kontro-ezami** (fol.70) fejn qal li kien beda fil-bidu ta' Frar 2011 pero' ma jafx bi precizjoni s-sena. Lanqas m'ghandu d-data ezatta ta' meta spicca, pero' jista' jkun li spicca f'Settembru ta'

l-istess sena ghaliex f'Settembru ghamel l-ahhar xoghol, mar jahdem x'imkien iehor u meta mar lura sab lil haddiehor jahdem floku.

Sab li kien hemm min qed iwahhal il-madum tal-kamra tal-banju l-kbira, cioe' mhux l-*ensuite*. Dakinhar kien ra dak biss. Qal li ilu hbieb mal-attur u l-familja tieghu zmien twil.

Stqarr li huwa kien mar fuq il-post u wara li ra x-xoghol accetta li jaghmlu. Qal li ma tahx stima ghaliex huma kienu hbieb u dejjem fdawh. Iddikjara li huwa ma mpona l-ebda kundizzjoni fuq l-attur meta beda ix-xoghol. Rega' kkonferma li l-attur ma tahx depositu, pero' stqarr li hu ma kienx talbu depositu qabel beda x-xoghol. Qal li huwa telaq minn fuq il-post biex jahdem x'imkien iehor mhux ghax ma thallasx.

Spjega li wara xahrejn li beda, hu w siehbu talbuh il-flus. Ghalkemm l-intimat kien jghid li kien ser jaghmel pagament akkont, dan il-pagament qatt ma wasal. Stqarr li kemm-il darba telqu minn fuq il-lant mhux f'Settembru biss.

Ix-xhud jaqbel ma' dak suggerit lilu li l-konvenut kien jibghatlu messaggi biex imur ikompli x-xoghol, izda hu kien imur jaghmel xoghol band' ohra, imbaghad idahhal xi flus u jerga' jmur fuq is-sit tal-konvenut. Sostna li minkejja li l-konvenut ma kienx ihallas akkont, hu xorta kien imur fuq il-lant tieghu u dan ghaliex kellu rispett lejh, li kien reciproku. Zied jispjega li meta kien jabbanduna l-lant u jmur x'imkien iehor minhabba dan in-nuqqas, hu qatt ma kitiblu. Qatt ma kellu lmenti minn Gonzi dwar xi xoghol hazin. Minn Awissu l-quddiem, il-konvenut kien beda jibghatlu l-messaggi biex imexxu fix-xoghol, pero' r-raguni ghaliex kien f'Awissu li beda jhaffifhom biex ilestu, hu ma jafhiex.

Ix-xhud zied jghid li l-ewwel darba li kitiblu dwar il-kont kien meta hareg il-kont esebit fis-seduta precedenti, pero' hu ma jiftakarx meta kien ghadda dan il-kont lill-konvenut. Jaf zgur pero' li kien wara li mar fuq il-post u sab lil terzi jahdmu minn floku, li jista jkun li kien f'Jannar 2013.

Iddikjara li huwa bniedem tas-sengha fix-xogholijiet kollha elenkati fil-prospett tax-xogholijiet esebit. Ikkonferma li Saviour Attard kien sieheb mieghu u mhux impjegat ghalkemm il-kawza fetahha hu. Qal li din ma kienitx *partnership* registrata. Sostna li Saviour Attard mar jahdem wahdu f'okkazjoni wahda biss, cioe' meta hu ghamel gimgha ma jiflahx. Iddikjara li l-mistier ta' Attard huwa tat-tqeghid ta' rham u madum. Huwa qal li hu ghandu l-VAT number tieghu u li ma jafx Attard ghandux VAT number.

Spjega li l-ewwel zewg *items* tal-kont jirrigwardaw kisi u li x-xoghol fit-tieni *item* huwa bir-rigli. Zied jispjega li kien jaghmel rwiegel kull metru, pero' gieli kien hemm inqas distanza, dejjem skond kif jaghtih ix-xoghol. Inoltre qal li l-madum kejjlu bil-wahda u l-gonta ghoddha bhala wahda. Ikkonferma li jista' jkun li ghandu ragun il-konvenut meta jghid li lanqas xtara 131 metri kwadri.

Mistoqsi fejn ghamel il-membrane wiegeb li dan sar fil-galleriji. Dan huwa *liquid membrane* ta' l-ixkejjer li jithallat mal-kimika. Hemm *primer* u hemm iehor li jkun bil-*hardner*. Il-*liquid membrane* huwa ghal 6 metri kwadri galleriji.

Qal li l-*iskirting* huwa l-istess procedura tal-madum. Zied li fejn hemm kisi bil-gibs hemm it-tibjid u cioe l-ewwel zewg items. Sostna li b'kollox huma taw erba' passati. Huwa jahdem bl-irwiegel anke fil-kamra tal-banju fejn l-ewwel illivella il-hajt permezz tar-ramel u s-siment u kolla u kien ghalhekk li talab is-

somma ta' sitt mitt ewro (€600). Qal li l-kamra tal-banju hija hafna izghar mill-*open plan.*

Huwa sostna li l-*ensuite* hallieha bil-madum lest u kull ma kien jonqos kienet maduma wahda, anzi madum tghoddhom, inoltre l-ensuite kienet *grouted* ukoll u kellha x-*shower basin* lest ukoll. Qal li l-konvenut qatt ma lmenta, pero' kien hemm problema biex dahhluha fil-hajt u fil-fatt kollhom iqattghu mill-hajt biex tidhol. Kompla jghid li kull ma sar fil-fond kien bil-kunsens tal-konvenut. Dwar ix-*shower* qallu li peress li din kienet ftit ikbar mill-ispazju allokat ghaliha, kellhom ix-xoghol biex jinstallawha. Il-madum qabel tpogga dellkuh bil-kolla, u din saret kemm ghall-ensuite u anke ghall-madum. Din kien xtraha hu, kif kien miftiehem, u suppost li ghandu l-ircevuti. Ipprometta li jesebihom f'seduta ohra.

Ikkonferma li darba kien gab it-torba l-konvenut u dan ghax hu ma kienx sab crane biex jaqdih u mhux ghax ma kienx hawn torba. Inoltre li kkonferma li t-torba dahhalha l-konvenut. Qal li l-mobile tieghu huwa 99474618.

Rat li l-konvenut **David Gonzi** xehed nhar it-3 ta' Gunju 2014 (fol. 79) u spjega li lill-attur kien jafu qabel u kien hadimlu kemm fil-post mertu tal-kawza u anke bnadi ohra qabel. Ta' dak li ghamillu qabel kien hallsu. Qal li originarjament dejjem kien jitlob stima, pero' bi tbissima qatt ma tahielu. Sostna li kif tah il-kont kien ihallsu fil-pront. Qal li biex tah il-kont, kellu jcempillu tlett darbiet. Dan ma kienx ix-xoghol mertu tal-kawza.

Spjega li fi Frar jew Marzu 2012 l-attur kien qed jaghmel xoghol ghand ommu u hu kien qallu bl-inkarigu mertu tal-kawza. Spjegalu x'ried isir u talbu stima. Kien spjegalu li sa Awissu 2012 ix-xoghol ried ikun lest ghaliex kellu hsieb li jidhol fil-post f'Dicembru 2012 u sahansitra kellu xi ghamara ordnata li kellha

tigi kkonsenjata f'Settembru 2012. L-attur kien assigurah li sa Awissu 2012 kien ser ilesti zgur.

Qal li stima baqa' ma tahx l-attur, sakemm kienu ghadu ma bdewx ix-xoghol. Huwa ssikkah ghall-istima, pero' qallu li m'hemmx ghalfejn jaghtihielu ghaliex qallu li lilu dejjem izommlu inqas minn haddiehor. Qal li lil ta' fuqu tah stima u allura hu kien qallu li lilu jista' jtih ukoll galadarba ta lil haddiehor. Pero' kien qallu dak li semma precedentement.

Ix-xoghol beda f'Marzu jew April 2012, ix-xoghol tal-flat ta' fuqu beda qabel, pero' dan ghadu ma dahalx fil-flat. Qal li malli mar fil-post l-attur beda l-kisi tal-kmamar tal-banju u wara dan dam cirka tlett gimghat jew xahar ma jersaq fuq il-lant. Sostna li depositu qatt ma ntalab u dan anke meta hadmu bnadi ohrajn. Zied li meta rega' mar ikompli qabad jiksi l-hitan tal-post kollu, pero' baqa' ma lestihx. Kien beda u lesta l-ewwel kisja u ta wahda fina, u ta passata wahda biex johorgu d-difetti halli jkun jista' jistokkja u jirfina. Qal li mhux minnu kif xehed l-attur li kien ta erba' passati u inoltre zied li zebgha fil-post qatt ma saret. Kompla jispjega li l-attur talab hlas ghal-landa zebgha ghalkemm ma jistax ikun ta erba passati biha u tnejn minnhom bil-kulur ukoll. Iz-zebgha kienet kulur abjad. Il-konvenut qal li lilu qallu li wara passata zebgha ser jiksi bil-gibs, pero' hu ma jifhimx u qed jghid x'qallu l-attur. Salvu mbaghad xehed li taw passata zebgha biex jirfinaw il-gibs.

Zied jghid li kisi ma kompla xejn, rega' telaq u hu kien icempillu diversi drabi w gieli weghdu li jkun sejjer ghandu imma fil-fatt ma jmurx. Meta mbaghad rega' tfacca qallu li ser jibda l-madum u li l-finitura ser itiha kif ilesti l-madum. Il-madum bdieh f'Settembru 2012 u pprometta li 'l-quddiem jesebixxi ritratt li juri dan li ittiehed fil-05 ta' settembru 2012. Ilmenta li anke t-torba kellu jgib hu ghax l-attur kien gablu skuza li f'dak il-perjodu ma kienx hawn torba.

Imbaghad meta qallu li ha jgibha hu, l-attur kien qallu li kien ser jiffrankalu ghaxar Ewro. Qal li spicca dahhal it-torba hu u l-awtur tal-fond tieghu.

Bhalma jidher mir-ritratt li kien ser jesebixxi 'l quddiem, beda s-sieq tal-madum u mbaghad rega' allarga ghal hmistax il-jum. Meta mar kien ghamel ghoxrin maduma biss, imbaghad wara dawn il-hmistax nieqes rega' mar u kompla l-*open plan* bil-madum. Imbaghad rega' llarga u weghdu li ha jkompli, qallu li kien rega' sejjer it-Tnejn ta' wara imma ma marx u floku mar Salvu. Dan kien mar u ghamel erbat ijiem kontinwi u lesta l-madum kollhu minbarra l-*iskirting.* Kien fadal biss xi erba gonot.

Meta l-attur irritorna kien gerger li hu kien halla lil Salvu jkompli x-xoghol, tant li illatika anke ma' Salvu. Qal li hu kien haseb li lil Salvu baghtu l-attur. L-attur kien anke wrieh id-difetti fix-xoghol li ghamel Salvu fil-kamra tat-tifel. Urieh anke maduma maqtugha, skond l-attur pero' din qatt ma nqalghet.

Kompla jixhed li l-attur l-ensuite baqa' ma lestihiex. Beda bl-istainless steel fuq naha tal-bieb u ma kompliex u ghadha hekk sa llum. Semma li hemm difett fix-xoghol tax-shower ta' l-ensuite li ghadu hemm sa llum u dan fis-sens li hemm punt fejn it-tray ma jidholx gol-hajt u mhux *grouted* sew. Qal li a kawza ta' dan qed jixxarab il-hajt ta' l-*open plan.* Zied jghid li hu kien gibidlu l-attenzjoni pero' l-attur irrifjuta li jirranga. Inoltre qal li l-qies tax-*shower cubicle* tahulu l-attur u ordnah skond ma talabulu.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta Lulju 2014 (fol. 96) kompla jixhed **il-konvenut** u esebixxa Dok DG 100701. Dan juri meta nbeda l-madum f'Settembru 2012 meta suppost ix-xoghol kien lest f'Awissu 2012. Dwar il-kamra tat-tifel qal li din kienet l-unika wahda lesta biz-zebgha b'kollox pero' kien fadal isir l-

*iskirting*. Fil-fatt l-attur lestieha gurnata qabel waslet l-ghamara fid-9pm u allura hu kellu jnaddaf qabel tigi l-ghamara l-ghada. Qal li hu kellu kuntratt mal-mastrudaxxa u kien se jehel il-flus ghaliex seta' jikkonsenjahielu xahar qabel.

Eventwalment f'Ottubru 2012 hu waqqaf lill-attur ghax ma setax jistenna izjed. Kien baghatlu diversi messaggi u cempillu diversi drabi biex jigi jehles, pero' baqa' inadempjenti. Malli waqqftu talbu jipprezentalu kont tal-ispejjez, kif kien jaghmel qabel. Dan il-kont tahulu f'Jannar 2013 meta hu kien waqqfu f'Ottubru 2012, pero' d-data ta' l-invoice kienet Novembru 2012. Qal li dan kien kont u mhux invoice fiskali. Wara li waqqaf lill-attur, cempel lil haddiehor biex imur ikomplilu. Fil-fatt dawn komplew l-*iskirting*, kamra tal-banju, l-ensuite, komplew il-finitura ta' kullimkien salv il-kamra tat-tifel, taw zewg passati u fejn kien hemm bzonn tlett passati zebgha, ksew il-koxox tat-twieqi u galleriji. Qal li peress li l-koxox ma kienux lesti ma setax iwahall l-aluminium u gab l-ghamara bil-post miftuh.

Dwar il-kont spjega li l-ilment tieghu dwar il-gibs hu li waqt li il-haddiema l-godda tawh stima biz-Lm 2.00 l-metru, l-attur kien talbu € 9.30 u €6.50. Skond hu l-ammonti mitluba ma jirrispekkjawx il-kejl li hemm, bhal per ezempju s-salott gie jiswa ftit inqas mill-kamra tal-banju meta bhala kejl huwa hafna ikbar. Dwar il-madum qal li l-kejl mhux tajjeb u zied li hemm xi hamsa u ghoxrin metru inqas, fil-fatt hu kien xtara mitt metru u kien fadal waqt li l-attur qed jghid li kien hemm 130 metru. Inoltre qatt ma tkellmu li l-gonta tghodd madum.

Rigward *liquid membrane* l-attur zammlu mitejn Ewro (€200) ta' sitt metri gallerija u dwar l-*iskirting* l-attur jghid li wahhal 162 pieces, meta hemm ferm inqas. Anke ghall-iskirting, ma ftehmux li gonta hija wahda. Zied li anke jekk

ghall-grazzja ta' l-argument tkejjel kif qed jghid l-attur ma twassalx ghal dak li qed jitlob.

Ilmenta li dwar tibjid l-attur kull ma zebhha kien il-kamra tat-tifel biss waqt li kien ta passata biex wara jaghti l-irfinitura li skond hu din tigi mal-kisi tal-gibs.

L-ensuite ma lestihiex u hemm difetti bhal grouting hazin mal-hajt u hiereg l-ilma mix-*shower* li ghamel l-attur. Sollijiet ghamel tat-twieqi biss pero' tal-galleriji ma wahhalhomx hu.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata quddiem il-Perit li permezz taghha pprezenta numru ta' dokumenti fosthom l-affidavit ta' Lawrence Gonzi, Emmanuel Dalli, u Noel Farrugia flimkien ma' stima datata 5 ta' Ottubru 2012, kopja ta ricevuta datata 17 ta Jannar 2013 u kopja ta' order forms datati 26 ta' Jannar 2012 mahruga mill-Construct Furniture. (fol. 83 et seq.)

Rat l-affidavit ta' **Lawrence Gonzi** (fol. 84), li jigi missier David Gonzi. Dan iddikjara li lil Joseph D'Amato dejjem iqabbduh ghal xoghol li jkollhom bzonn fid-dar u ghalhekk meta ibnu wasal biex jaghmel xi xoghol fil-post tieghu, qabbdu lilu wkoll. Qal li kien David stess li kkuntattjah u Joseph D'Amato kien mar id-dar taghhom biex jitkellmu. Prezenti kien hemm Joseph D'Amato, David u l-gharusa tieghu Lisa, ix-xhud u martu. Dan kien f'Marzu 2012. Dakinhar D'Amato kien qalilhom li ried imur fuq il-post biex jara x'kien jehtieg. Ix-xhud sahaq li David kien ghamel premura lill-attur li x-xoghol kellu jkun lest sa Awissu 2012 peress li f'Settembru kellha tigi l-ghamara u f'Dicembru ried jidhol fil-post. Iltaqghu fuq il-post xi gimgha wara. Ix-xhud qal li wara li D'Amato ra l-post, kienu talbuh stima w qalulu biex ma jaghmilx bhas-soltu w ma jtihilhomx, ghax ibnu kellu hafna spejjez u ried ikun jaf fiex

qieghed bhala finanzi. D'Amato kien wiegeb li meta jlesti kemm itih tal-materjal u l-kumplament itihomlu kif jista'. Infatti baqa' ma tahomx stima.

Ix-xoghol inbeda ftit zmien wara, pero' x-xhud sostna li nonostante li David kien insista li x-xoghol kellu jkun lest sa Awissu 2012, ix-xoghol beda jimxi bil-mod hafna tant li gieli kienu jghaddu xi erbgha jew hamest ijiem u D'Amato ma jmurx fuq il-post. Inoltre zied jghid li gieli ghamel tliet gimghat shah ma resaqx 'l hemm. Lawrence Gonzi qal li bis-sahha tax-xoghol li tah David, D'Amato akkwista xoghol iehor fis-sular ta' fuq David stess, liema xoghol imbaghad inbeda qabel taghhom. Ilmenta li l-madum tal-*open plan* dam madwar xahar biex twahhal. F'Settembru 2012, meta suppost ix-xoghol kien diga' tlesta, D'Amato kien ghamel gimgha ohra ma jmurx jahdem ghax qal li kien ma jiflahx. F'dik il-gimgha kien mar jahdem Salvu, sieheb Joseph D'Amato, u kien kwazi lesta l-madum kollu. Allura dan wera kemm D'Amato kien qed jittrattjeni.

Semma li f'okkazjoni kellu jmur hu jghin lil ibnu jdahhlu t-torba ghaliex D'Amato kien qalilhom li ma sabx jixtri, mentri huma sabu mill-ewwel. Suppost kellu jkun D'Amato li jixtri t-torba u jdahhalha, imma huma ma ridux li x-xoghol ikompli jittardja u ghalhekk ghamlu dan ix-xoghol huma bl-ghajnuna tal-persuna li kienet bieghet il-post lil David.

Imbaghad f'Ottubru 2012 kienet waslet l-ewwel bicca ghamara. Kienu marru hu w martu u ohtu biex jarawha. Ftakar li l-kmamar tal-banju t-tnejn ma kunux lesti w anke xi *skirting.* Ghaldaqstant, ghalkemm kontra qalbhom, David kellu jwaqqaf lil D'Amato u jqabbad lil haddiehor.

Qal li fl-ensuite kien innota xi affarijiet li ma kienux sewwa. Semma li x-*shower basin* kienet imdahhla fil-gnub kif suppost, u allura bil-madum iserrah

fuqha, mentri fil-faccata kienet bil-maqlub, fis-sens li hi kienet thabbat mal-madum u mhux bil-madum jinzel fuqha. Allura hu gibed l-attenzjoni ta' ibnu li minhabba l-mod kif kienet imwahhla, jista' jiskula xi ilma, kif fil-fatt gara. B'konsegwenza ta' dan il-hajt tal-open plan qed jixxarrab. Barra minn hekk kien hemm ammont ta' *grouting* imwahhal ma' wicc il-madum li ma jinqalax. Zied jilmenta li l-*finishing* tal-hajt ma kienx pulit tant li D'Amato kien weghdu li kellu jmur biex ilesti l-*finishing* tal-hitan li ma kienux sewwa, pero' baqa' ma marx u kellhom iqabbdu lil haddiehor biex jirrangahom.

Il-haddiema li marru wara kienu tefghu id-dawl mal-hajt u kkonfermawlhom kemm il-hitan ma kinux kif suppost. Dawn lestew ix-xoghol li kien fadal f'kemm trodd salib, u ghamlu wkoll ix-xoghol rimedjali mehtieg. Kienu joqoghdu sa tard bil-lejl biex ifittxu jlestu.

Wara li David waqqaf lil D'Amato, cempillu diversi drabi biex itih il-kont, imma dan ukoll dam hafna biex baghtu. Jaf li meta tahulu talbu hafna flus ta' xoghol li ma tlestiex jew li mhux tajjeb u li tieghu David kellu jhallas nies ohrajn biex ilestu jew jirrangaw.

**Emanuel Dalli** fl-affidavit tieghu jghid li huwa kien is-sid precedent tal-flat li xtara David Gonzi bl-indirizz Dalli Court, Flat 2, Vjal it-Torri, Gudja. Qal li l-blokka kienet kollha tieghu u minnha llum fadallu *maisonette*. Qal li biex lesta l-blokka kien ghamel hafna mix-xoghol hu stess u ghalhekk kien ikun hemm kwazi kuljum.

Qal li kien jiltaqa' ma' David Gonzi ta' spiss u dan kien qallu li kien sab haddiem li kellu jlestilu l-post bil-madum, kisi, zebgha u kmamar tal-banju sa Awissu ta' dik is-sena. Huwa kien tah parir li jekk kellu jdahhal xi materjal jew madum fil-post, kien ikun ahjar ghalih li dan jaghmlu sa qabel l-ewwel xita.

Spjega li r-raguni kienet li sid l-ghalqa ta' magenb kien hallih jidhol minnha biex ikun jista' jtella' x-xoghol minn go fiha, pero' dan ried jahratha qabel ix-xitwa. Ghalkemm kien jaf li Gonzi kien qal lill-haddiem biex ilestilu sa Awissu, hu qatt ma kien jarah gej biex jahdem. Tant hu hekk li meta kien ghafas hafna z-zmien, kien hu li ghen lil Gonzi jtella' t-torba fil-post biex ma tilhaqx taghmel ix-xita u jkollhom l-inkwiet ma' sid l-ghalqa. Dakinhar kien ghenhom ukoll il-kunjatu ta' David Gonzi.

Qal li David Gonzi kemm-il darba kien icempillu biex isaqsih jekk rax lil D'Amato jahdem fil-post tieghu u hu kien jghidlu li ma rahx. Sostna li hu kien ikun jaf b'dak kollu li jsehh ghax kien ikun hemm kwazi kuljum u kulhadd kien jitolbu l-pjaciri bhal per ezempju biex itihom id-dawl u l-ilma biex ikunu jistghu jahdmu.

Xehed li D'Amato u siehbu Salvu kienu jmorru xi gurnata jew tnejn imbaghad jaghmlu xi hmistax jew tliet gimghat ma jersqux 'l hemm. Minhabba f'hekk kemm-il drab kien jghid lil Gonzi biex isib lil haddiehor. Meta mbaghad qabbad lil haddiehor, dawn mill-ewwel bdew il-kmamar tal-banju w lestewhom malajr. Sadanittant il-haddiema kienu qed jaghmlu wkoll is-suffett. Dawn il-haddiemu kienu anke jdumu sa tard filghaxija biex ilestu tant li hu gieli kien jigbdilhom l-attenzjoni biex ma jaghmlux hafna storbju minhabba l-girien.

David Gonzi dahal fil-post fi zmien il-Milied.

**Noel Farrugia** xehed li David Gonzi kien talbu stima biex jaghmlulu s-suffett fil-post tieghu fil-Gudja u ftehmu li kellu jibda jahdem. Qal li meta beda s-suffett kien xeghel is-*searchlight* u l-hitan dehru mhux lesti u li riedu finitura. Ghalhekk gibed l-attenzjoni lil David, ghaliex kif jitlesta s-suffett u jinxteghlu l-bozoz tas-suffett, kienu se johorgu d-difetti fil-hitan. Gonzi gharrfu li l-

haddiem ta' qabel kien qed itih it-terturi u saqsieh jekk riedx ikomplillu hu. Hu kien qallu li biex ilestih biz-zebgha l-ewwel ried jghaddih bil-finitura peress li kien hemm il-brim fil-hajt u nuqqas ta' finitura u hafna toqob irqaq. Dan kien ifisser li jixghel is-searchlight biswit il-hitan u jghaddihom bil-finitura. Semma li fl-open plan diga' kien hemm passata zebgha u hu qallu li biex jigi sewwa kien hemm bzonn jitghadda bil-finitura. Il-boxroom kienet ghadha bil-kisja l-hoxna, cioe' kif inhi maghrufa bis-sekonda u allura kien jehtieg li jghaddiha bil-finitura wkoll. Qal li biex ilesti kien jaghdem anke tard filghaxija bis-searchlight.

Wara li lesta x-xoghol tal-finitura, ta zewg passati zebgha fejn kien gej abjad u tliet passati zebgha kkulurita fejn kien gej bil-kulur. Qal li ghamel il-post kollu minbarra l-ispare bedroom. Qal li hu kien qabbad persuna biex taghmel il-kmamar tal-banju u fil-fatt il-kamra tal-banju l-kbira saret mill-bidu nett hlief ghall-kisi ta' taht, mentri l-ensuite kien jonqosha xi madum l'hemm u l'hawn.

Qak ukoll li l-koxox tal-bibien tal-open plan kienu ghadhom mhux miksijin u fil-fatt ghamilhom hu qabel iz-zebgha.

Ta' dan ix-xoghol thallas minghand David Gonzi l-ammont ta' elf u erbgha u ghoxrin Ewro (€1,024).

Semghet lill-avukati difensuri tal partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-15 ta Frar 2017 fejn in segwitu talbu lil din il Qorti tghaddi ghas sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti. Il-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel xi xoghol fil-proprjeta' tieghu skond ftehim li gie milhuq bejniethom u

li jinsab esebit fl-atti. Jidher li l-attur flimkien ma' Saviour Attard ghamlu xi xoghol fil-proprjeta' tal-konvenut pero' ma kinux konsistenti, fis-sens li kienu jaghmlu dan ix-xoghol fl-istess waqt li kienu jaghmlu xoghol iehor ghand terzi. L-attur jghid li dan sehh ghaliex il-konvenut ma kienx ihallsu u ghalhekk bilfors kelu jahdem ghand terzi sabiex jipprovdi ghall-ghejxien tieghu u min-naha l-ohra l-konvenut jghid li l-attur qatt ma talbu flus minkejja li hadem ghandu tul numru ta' xhur. Il-konvenut jghid li l-attur kellu jlesti l-appalt tieghu sa mhux aktar tard minn Ottubru 2012 u dan ghaliex kellu xi ghamara li kienet ser tigi mibghuta lilu u li kellha tigi nstallata. Cio' nonostante pero' l-attur ma zammx kelmtu u ghalhekk il-konvenut qabad u ttermina l-appalt moghti lill-attur u kien ingagga persuna ohra sabiex jispicca ix-xoghol gja mibdi mill-attur.

Illi hafna mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut huma ta' natura teknika u ghalhekk din il-Qorti kienet innominat lill-Perit Valerio Schembri sabiex jirrelata fuq it-talba attrici, *tenendo* kont tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Fl-ewwel lok il-konvenut jghid li l-attur kellu jipprova l-pretensjonijiet attrici tieghu billi jipprovdi l-elenku ta' dak li effettivament kien ghamel. Ma hemmx dubbju li minn ezami tal-atti jirrizulta li l-attur fil-fatt esebixxa dan l-elenku li jinsab markat bhala Dok. JDA 120201. Skond il-perit, u dan ma jidhirx li hu konestat lanqas mill-konvenut, fir-rigward ta' provi jirrizulta li in segwitu' tan-nomina tieghu il-Perit Tekniku ra x-xoghol li in effetti gie ezegwit u li dwaru ma jidhirx li kien hemm xi konestatzzjoni fis-sens ta xoghol ezegwit, u ha l-kejl relattiv. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi imwarrba stante li l-attur kien gja pprezenta lista tax-xoghol li kien esegwixxa. Jinghad li f'din il-kawza l-konvenut ghalkemm jghid li x-xoghol ma sarx kollu, li hemm parti minnu li ma sarx skond is-sengha u l-arti u li sofra danni minhabba dewmien da parti tal-konvenut, dan naqas li jipprezenta kontro-talba. Ghalhekk din il-Qorti trid biss

tara jekk it-talba attrici hix gustifikata u fit-tieni lok jekk l-ammont mitlub minnu ghandux jintlaqa' fl-intier tieghu.

Dwar it-tieni eccezzjoni jinghad li l-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu jeccepixxi illi ix-xoghol imwettaq mir-rikorrenti kien inkomplut u dan peress illi huwa kellu jholl il-kuntratt ta' xoghol moghti lir-rikorrenti minhabba tardivita' u dewmien inutli, liema xoghol kellu ghalhekk jitlesta minn terzi bi spejjez ulterjuri a dannu tal-istess intimat. Illi jirrizulta mix-xhieda mismugha mill-perit, li huwa minnu li l-attur u Saviour Attard kienu qed jaghmlu dan ix-xoghol fil-proprjeta' tal-konvenut flimkien ma' xoghol iehor li kienu qed jesegiwxxu fi proprjeta' ta' terzi. Illi skond il-Perit Tekniku nominat minn din il-Qorti, l-attur ma kellux ghalfejn idum aktar minn tlett xhur sabiex jispicca l-inkarigu lilu moghti. Cio' nonostante pero', stante li hadem fuq dan il-lant tax-xoghol fl-istess hin li ghamel xoghol fuq postijiet ohra, huwa kien tardiv. Illi minkejja li l-konvenut jghid li sofra danni, huwa ma ressaq l-ebda prova dwar dan u addiritttura lanqas talba ma ghamel f'dan ir- rigward. Ghalhekk minkejja li huwa minnu li l-attur kien tardiv u li l-konvenut qabbad terza persuna, u cioe' lil Noel Farrugia sabiex ikompli bix-xoghol li kien gja beda l-attur, dan *ut sic* ma isarraf fl-ebda danni li possibilment seta' sofra l-konvenut. L-attur kellu jispicca x-xoghol sa nofs April, skond il-Perit Tekniku nominat mill-Qorti, meta fil-fatt spicca f'Ottubru 2012, ghalhekk sitt xhur wara.

Dwar it-tielet eccezzjoni, il-konvenut jeccepixxi li diversi xoghlijiet imwettqa mill-istess rikorrenti ma sarux sew u skond is-sengha u l-arti. Il-Perit Tekniku nominat mill-Qorti ghamel distinzjoni bejn xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti u xoghol li kien ordnat u li ma giex esegwit. F'dan il-kaz il-Perit Tekniku jghid li x-xoghol li sar mill-attur sar tajjeb u skond is-sengha u l-arti, pero' huwa minnu li kien hemm partijiet tax-xoghol li kienu gew ordnati li ma gewx esegwiti, jew adirittura li gew esegwiti mhux fl-integrita' taghhom. Ghalhekk

f'dan ir-rigward il-Perit Tekniku hass li kellu johodhom in konsiderazzjoni meta gie sabiex jikkwantifika il-hlas li l-konvenut kellu jaghmel lill-attur. Kif imfisser aktar 'il fuq, il-Perit ghamel l-osservazzjonijiet tieghu f'dan ir-rigward u cioe' dwar in-nuqqasijiet li kien hemm min-naha tal-attur fl-esekuzzjoni tal-inkarigu li huwa kellu jesegwixxi.

Dwar ir-raba' talba l-Qorti tirrileva li l-konvenut jghid li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez in kwantu l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv kemm f'dak li jirrigwarda metragg kif ukoll f'dak li jirrigwarda r-rati applikati mill-istess rikorrent ghax-xoghol imwettaq. F'dan ir-rigward il-Perit Tekniku ghamel il-kalkoli tieghu wara li zamm access, ra n-natura tax-xoghol li gie ordnat u dak li effettivament gie esegwit. Ra l-entita' tax-xoghol li sar mill-attur u ha l-kejl u metragg tal-istes u applika r-rati li fil-fehma tieghu kienu dawk accettati bejn il-partijiet u li kienu jirreflettu l-prezzijiet li kien hemm fis-suq dak iz-zmien. Il-Perit ikkonkluda li fil-fatt l-ammont ta' flus li l-attur ghandu jiehu huwa ferm inqas minn dak pretiz minnu u cioe' jikkwalifika ghal 64% tax-xoghol li kellu jigi esegwit, u ghalhekk huwa tal-fehma li l-attur ghandu jithallas limitatament ghal 64% tal-ammont mitlub, minkejja li indika xi kalkoli zghar u differenti li hadem fuqhom fir-rigward ta' xi items partikolari. L-attur fit-talba promotorja tieghu kien qed jitlob li huwa ghandu jtihallas is-somma ta' sitt elef u hmistax-il Ewro u tmienja u sittin centezmi (€6,015.68) waqt li l-Perit Tekniku llikwida l-hlas li ghandu jircievi l-attur fl-ammont ta' tlett elef tmien mija sitta u hamsin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,856.72).

**Kunsiderazzjonijiet ulterjuri.**

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum

jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"** irriteniet li –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku kienet *grosso modo* sfavorevoli ghall-attur, dan ghazel li ma jressaqx talba ghall-hatra ta' Periti Teknici Addizzjonali u llimita ruhu li fl-ewwel lok jeskuti lill-Perit Tekniku u fit-tieni lok iressaq sottomissjonijiet bil-miktub.

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza "**Grech et vs Grech et" –** din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet –

*Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

Ir-rigett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` Perit Tekniku ma jistax isir *b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha* (u cioe` ta` loti) *trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

Ghalhekk 'in fin' `dei conti` qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-Perit Tekniku acceda fl-ambjenti fejn saru x-xoghlijiet mill-attur u kkonstata l-istess xogholijiet. Il-Perit Tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-Perit Tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu.

Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista"** – *ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.*

Illi l-partijet strahu fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku tant li l-ebda wiehed mill-partijiet ma talab sabiex jigu nominati Periti Perizjuri u in oltre lanqas li jeskutu l-Perit u lanqas sabiex jipprezentaw nota' ta osservazzjonijiet. Strahu biss fuq l-atti processwali, ir-rapport tal-Perit Tekniku u s-sottomissjonijiet orali taghhom.

**Fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet fuq premessi ghalhekk, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut salv ghall-eccezzjoni li l-attur kien tardiv fix-xoghol li ghamel, qieghda tirriduci l-ammont pretiz mill-attur billi qed tillikwida l-ammont li l-konvenut ghandu jaghti lill-attur fl-ammont ta' tlett elef tmien mija sitta u hasmin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,856.72.**

**Stante l-ammont li gie likwidat, il-Qorti tordna li dwar l-ispejjez dawn jithallsu in kwantu ghal tlieta minn hamsa mill-konvenut u tnejn minn hamsa mill-attur.**

**L-imghax jibda jiddekorri millum.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**